MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1481/2005

**Riviera Resort Ltd.**

**vs**

**XL Travel Services Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta’ Lulju 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf mija sebgha u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm1,127.75), rapprezentanti somma dovuta ghal akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta’ attrici fuq talba ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Peress illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata permezz ta’ ittra legali datata 19 t’April 2005, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 19 t’April 2005 li jammontaw ghal ghaxar Liri Maltin (Lm10.00).

Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf mija sebgha u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm1,127.75), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------